# Rapport Amministrattiv 2021

Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

Laqgħa Ġenerali Annwali

26 ta' Settembru 2022

# Kontenut


## 01. Introduzzjoni

Ħarsa ħafifa fuq il-formazzjoni tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

## 02. Amministrazzjoni

Ħarsa lejn it-tim tal-Kunsill Reġjonali u l-ħidma tiegħu

## 03. Ħidma tal-Kunsill Reġjonali

Ħarsa lejn il-ħidma li twettqet mill-Kunsill Reġjonali

## 04. Assistenza lill-Kunsilli Lokali

Ħarsa lejn l-assistenza li ngħatat lill-Kunsilli Lokali

## 05. Proġetti u Attivitajiet

Ħarsa lejn il-proġetti li ġew implimentati u l-attivitajiet li saru matul is-sena 2021

# Kontenut


## 06. Pjan ta' Ħidma għaż-Żmien li ġej

Ħarsa lejn il-ħidma li hemm ippjanata mill-Kunsill Reġjonali għaż-żmien li ġej

## 07. Inħarsu 'l Quddiem b'Ottimiżmu

Ħarsa lejn l-isfidi li se nkunu qed naħdmu fuqhom biex indawruhom f'opportunitajiet

# Introduzzjoni

# Introduzzjoni

Is-sena 2021 kienet l-aħħar sena fejn il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iffunzjona b'formazzjoni ta' erbatax-il Kunsill Lokali.

Ir-riforma fil-Gvern Lokali kellha ġġib magħha bidla fuq il-formazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u minn nofs is-sena, għalkemm baqa' jopera bl-istess formazzjoni, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar beda jaħdem fuq it-tranżizzjoni mat-tnax-il Kunsill Lokali li kellhom jibdew jiffurmaw il-Kunsill Reġjonali minn Jannar tal-2022.





# Tmexxija



Is-Sur Jesmond Aquilina

Il-President tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar hu s-Sur Jesmond Aquilina, li ilu jokkupa din il-kariga mis-sena 2011. Id-Deputat President fl-aħħar leġiżlatura li ntemmet fl-2021 kien is-Sur David Michael Schembri. Fil-preżent, id-Deputat President hi l-Avukata Maria Sara Vella, Sindku tal-Gudja. Il-Membri tal-Kunsill Reġjonali huma s-Sindki tal-lokalitajiet fir-reġjun.



L-Avukata Marija Sara Vella

# Viżjoni

Naqdu l-funzjonijiet tagħna bl-aktar mod professjonali u b'governanza tajba filwaqt li nkunu ta' aspirazzjoni għal entitajiet oħra biex jimxu fuq il-passi tagħna.



# Missjoni

Namministraw ir-riżorsi tagħna bl-aktar mod għaqli u naħdmu b'mod effettiv sabiex inkunu nistgħu nagħtu servizz professjonali lill-Kunsilli Lokali u lill-komunitajiet fi ħdan ir-Reġjun

Nemmnu li meta naħdmu flimkien b'għan wieħed, kapaċi nilħqu l-objettivi u l-miri tagħna u nagħmlu d-differenza fil-ħajja tar-residenti fil-komunitajiet tagħna.



# Valuri

- Nirrispettaw lil kulħadd u nagħtu servizz ta’ eċċellenza lill-Kunsilli Lokali u lill-komunitajiet tagħhom b’ugwaljanza u bla ebda diskriminazzjoni;
- Namministraw ir-riżorsi finanzjarji bl-aktar mod għaqli u ġust;
- Nipprovdu tmexxija serja, effiċjenti, miftuħa, b’governanza tajba, bi trasparenza u kontabilità;
- Nuru impenn lejn il-qasam soċjali, l-ugwaljanza, l-integrazzjoni, id-diversità, il-benesseri u l-ġid komuni fil-komunitajiet tagħna;
- Nuru impenn lejn il-parteċipazzjoni attiva tar-residenti u tal-komunitajiet fir-reġjun.



# Amministrazzjoni

# It-Tim tal-Kunsill Reġjonali

Nemmnu li l-aqwa riżors li għandu l-Kunsill Reġjonali hu r-riżorsi umani tiegħu u ninsabu kburin bit-tim effiċjenti u effettiv li għandu miegħu.

Sabiex nilħqu l-objettivi li kellna fil-pjan ta' ħidma tagħna ħsibna li nsaħħu dan it-tim u matul is-sena 2021 l-istaff tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar żdied għal sbatax-il persuna.



# Ingaġġ ta' Sitt Uffiċjali Maniġerjali




Matul is-sena 2021, il-Kunsill Reġjonali ingaġġa sitt uffiċjali maniġerjali sabiex jipprovdu assistenza professonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun fl-oqsma tal-ambjent, l-immaniġġjar tal-proġetti, il-kultura, l-immaniġġjar tal-iskart, it-teknoloġija tal-informatika u l-fondi Ewropej.

# Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità għall-Ħarsien tal-Annimali

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofshinar ingaġġa miegħu Uffiċjal tal-Komunità għall-Ħarsien tal-Annimali sabiex joffri servizz bla ħlas lill-Kunsilli Lokali billi jgħin sabiex titqajjem kuxjenza fuq il-ħarsien u d-drittijiet tal-annimali, kif ukoll tiżdied l-edukazzjoni dwar prattiċi tajba fuq it-trobbija u ż-żamma tagħhom.



# Struttura u Organizzazzjoni

Sabiex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti, il-Kunsill Reġjonali żviluppa struttura u sistemi ta' proċessi moderni biex ikun jista' jilqa' għall-isfidi tal-lum u tal-ġejjieni, filwaqt li jkun jista' jdawwar l-isfidi f'opportunitajiet. Din l-istruttura hi bbażata fuq il-kunċett ta' organisational agility u tippermetti ħidma aktar effettiva mibnija fuq timijiet funzjonali li jaħdmu flimkien f'sinerġija u jagħtu valur lil kull individwu.



# Żvilupp Personali u Taħriġ għall-Membri tal-Istaff




Matul is-sena 2021 il-membri tal-istaff tħarrġu fuq dawn l-oqsma:

- Budgeting and Planning – tim maniġerjali
- Public Procurement – tim maniġerjali
- Project Management – uffiċjal maniġerjali ħall-immaniġġjar tal-proġetti
- Governance and Management – Segretarju Eżekuttiv
- Senior Management in the Public Service– Segretarju Eżekuttiv
- Diploma in Public Management and Governance – Staff Amministrattiv
- Construction Site Management – Supervisor tat-tim tal-manutenzjoni
- Ortografija tal-Lingwa Maltija – Staff kollu
- First Aid – Staff kollu

# Investiment fit-Teknoloġija tal-Informatika



Nemmnu li kull membru fit-tim għandu jingħata r-riżorsi meħtieġa u l-għodda neċessarja sabiex ikun jista' jagħti l-aqwa riżultat possibbli fil-ħidma tiegħu. Għalhekk ġew installati sistemi teknoloġiċi moderni fil-bini amministrattiv, filwaqt li sar investiment f'laptops attrezzati bl-aħħar teknoloġija għal kull impjegat fl-amministrazzjoni.

# Tim tal-Manutenzjoni



It-tim tal-manutenzjoni hu ffurmat minn Supervisor u żewġ ħaddiema oħra, ilkoll impjegati tal-RSSL.

Minbarra xogħol ta’ manutenzjoni mal-Kunsill Reġjonali, dawn jassistu lill-Kunsilli Lokali f’xogħol ta’ manutenzjoni fil-lokalitajiet.

Matul is-sena 2021, il-Kunsill Reġjonali ħaseb biex ikompli jattrezza aktar lil dan it-tim billi nxtara vann ġdid ħalli jkun jista’ jintuża waqt il-qadi ta’ dmirijiethom.



# Reġistru tal-Kunsill Professjonali

Fuq inizjattiva tas-supervisor, it-tim tal-Kunsill Reġjonali ħadem fuq sistema professjonali għar-reġistru tal-Kunsill u tat-Tribunal Lokali.







# Ħidma tal-Kunsill Reġjonali

# Ħidma tal-Kunsill Reġjonali

### Laqgħat tal-Kunsill Reġjonali

Matul is-sena 2021 inżammu 13-il laqgħa tal-Kunsill Reġjonali. Il-kworum dejjem intlaħaq u dejjem kien hemm parteċipazzjoni attiva mill-Membri.

### Pjan ta' Ħidma Proġettat għal Ħames Snin

Il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill jiġi evalwat kull sena u jerġa' jitfassal bil-proġettazzjonijiet, miri u strateġiji għall-ħames snin li jkunu ġejjin.

### Rapporti Finanzjarji

Ir-rapport finanzjarji dejjem ġew ippreżentati fil-ħin u skont il-proċeduri mitluba. Dawn jinsabu kollha aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit tal-Gvern Lokali.

### Websajt u Siti Soċjali

Il-Websajt u s-siti soċjali tal-Kunsill Reġjonali dejjem inżammu aġġornati bil-ħidma li tkun għaddejja mill-Kunsill.

### Laqgħat ma' Ministeri u Entitajiet Oħra

Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, inżammu laqgħat oħra li għenu sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-Kunsilli Lokali fosthom mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, l-Aġenzija LESA, u oħrajn.



# Laqgħat ma' Ministeri u Entitajiet Oħra




Matul is-sena l-President u l-Membri tal-Kunsill Reġjonali kellhom diversi laqgħat ma' Ministeri u entitajiet oħra biex tissaħħaħ ir-relazzjoni u l-ħidma tal-Kunsilli Lokali.





# Attendenza u Parteċipazzjoni f’Attivitajiet tal-Kunsilli Lokali

Il-President tal-Kunsill Reġjonali attenda u pparteċipa f’diversi okkażjonijiet u attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali.







# Sħubija fi Proġett mill-Programm Networks of Towns

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofshinar issieħeb mal-Muniċipju ta' Rois f'Galicia, Spanja fil-proġett European Voices Challenging Euroscepticsm. Dan il-proġett jinvolvi assoċjazzjonijiet minn 27 pajjiż Ewropew u jagħmel parti mill-programm Networks of Towns li hu finanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-proġett jinvolvi żjarat fi Spanja, Malta, l-Ungerija u l-Greċja.









# Sħubija fi Proġett mill-Programm Networks of Towns







# Sħubija fi Proġett mill-Programm Erasmus+

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ħa sehem fi proġett ta' skambju mill-programm Erasmus+ b’fondi mill-UE. Rappreżentanza ta' erba' żgħażagħ mir-Reġjun tan-Nofsinhar telgħu Spanja flimkien ma' żgħażagħ oħra minn 9 pajjiżi Ewropej fejn iddiskutew u qasmu ideat fuq kif jistgħu jagħtu sehemhom ħalli jkollna żvilupp sostenibbli aħjar fil-komunitajiet tagħna.

Erasmus+





# Laqgħa ta' Merħba u Introduzzjoni mal-Kunsilli Lokali l-Ġodda

F'Ġunju 2021, il-President u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali Itaqgħu mal-Kunsilli Lokali li kienu se jingħaqdu miegħu għall-ewwel darba f'Jannar 2022 u ddiskutew l-istrateġiji u l-proġetti elenkati fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill.








# Laqgħat tas-Segretarju Eżekuttiv



Matul is-sena, is-Segretarju Eżekuttiv ipparteċipa f’diversi laqgħat li jikkonċernaw il-ħidma amministrattiva tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali.






# Laqgħat tas-Segretarju Eżekuttiv











# Laqgħat u Attività ta' Team Building mas-Segretarji Eżekuttivi

Matul is-sena nżammu laqgħat mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali fir-reġjun sabiex jinżammu aġġornati bil-ħidma tal-Kunsill Reġjonali, u sabiex ikunu jistgħu jaqsmu ideat u esperjenzi relatati mal-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Inżammet ukoll attività ta' team building.







# Pink October



L-attività prinċipali tal-Pink October kienet open day fil-Mitħna tax-Xarolla, fiż-Żurrieq. Waqt l-open day kien hemm rappreżentanti mill-Fondazzjoni Marigold li ddiskutew mal-pubbliku u qassmu fuljetti informattivi sabiex iżidu l-għarfien fuq il-mard tal-kanċer u mard rari.

Id-dħul kien mingħajr ħlas imma nġabru donazzjonijiet b'risq il-Fondazzjoni Marigold.



# Pink October







Open Day fil-Mitħna tax-Xarolla, Iż-Żurrieq

# Fun Run 2021







Il-Kunsill Reġjonali ħadem flimkien mal-Uffiċċju tal-President, L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Kunsilli Lokali, Sport Malta u r-residenti kollha, biex ġiet organizzata l-Fun Run b'risq il-Community Chest Fund Foundation. Permezz ta' din l-attività inġabret is-somma ta' €277,000 li ġiet ippreżentata waqt l-Istrina.

# Inizjattiva Rigal b'Imħabba

Fi Żmien il-Milied, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ipparteċipa fl-inizjattiva Rigal b'Imħabba u wassal ir-rigali tiegħu fi Pjazza Kastilja, sabiex jiġu mferrħa tfal li huma inqas ixxurtjati.



“

# Assistenza lill-Kunsilli Lokali

# Għajnuna Finanzjarja għal Titjib fil-Libreriji

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofshinar ta għajnuna finanzjara ta' 500 ewro lil kull Kunsill Lokali fir-reġjun sabiex jinvesti f'titjib fil-libreriji pubbliċi tal-lokalità tagħhom.



# Għajnuna Finanzjarja għal Titjib fil-Libreriji














Kunsill Lokali Siġġiewi

# Għajnuna Finanzjarja għal Titjib fil-Libreriji



Kunsill Lokali Żurrieq



Il-proġetti mwettqa mill-Kunsilli Lokali kienu jvarjaw minn xkaffar u tabelli ġodda għal xiri ta' kotba u tagħmir elettroniku ġdid.

# Għajnuna Finanzjarja għal Titjib fil-Libreriji







Kunsill Lokali Ħal Għaxaq



# Għajnuna Finanzjarja għal Titjib fil-Librerija







Kunsill Lokali Ħal Kirkop

# Aktar Indafa fil-Lokalitajiet tar-Reġjun




Sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali jindirizzaw l-isfida tar-rimi ta' skart illegali, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofshinar ikkoordina mal-Aġenzija LESA sabiex saru rondi ta' sorveljanza madwar ir-reġjun minn uffiċjali tal-komunità.

Għal din l-inizjattiva, l-Kunsill Reġjonali ħallas is-somma ta' madwar 22,000 ewro. Ix-xogħol ta' koordinazzjoni mal-Kunsilli Lokali u mal-Aġenzija LESA sar mill-maniġer tal-ambjent tal-Kunsill Reġjonali.

LESA
LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY

# Sapport lill-Istaff tal-Kunsilli Lokali f'Taħriġ Professjonali




Il-Kunsill Reġjonali jemmen fit-taħriġ u fl-iżvilupp personali tal-istaff amministrattiv. Għalhekk għen b'mod finanzjarju lill-membri tal-istaff amministrattiv tal-Kunsilli Lokali sabiex jitħarrġu f'kors li jwassal għal Diploma in Public Management and Governance.



# Sapport lill-Istaff tal-Kunsilli Lokali f’Taħriġ fl-Ortografija tal-Malti




REĠJUN NOFSINHAR

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar issieħeb mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti f'inizjattiva sabiex jipprovdi taħriġ speċjalizzat fl-ortografija tal-lingwa Maltija lill-Membri tal-Kunsilli Lokali u lill-istaff amministrattiv kollu fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

# Taħriġ fil-First Aid u l-AED

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar issieħeb mal-Malta Red Cross u organizza taħriġ fil-First Aid u l-użu tal-AED għall-istaff u l-Membri tal-Kunsilli Lokali.







# Assistenza Professjonali mill-Maniġers Reġjonali

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofshinar ipprovda assistenza professjonali mill-maniġers tiegħu fl-oqsma tal-ambjent, l-immaniġġjar tal-proġetti, il-kultura, l-immaniġġjar tal-iskart, il-fondi Ewropej u t-teknoloġija tal-informatika.






# Xogħol fil-Lokalitajiet mit-Tim tal-Manutenzjoni

It-tim tal-manutenzjoni tal-Kunsill Reġjonali wettaq xogħlijiet mal-Kunsilli Lokali f'diversi lokalitajiet fir-reġjun.




Birżebbuġa

# Xogħol fil-Lokalitajiet mit-Tim tal-Manutenzjoni







Birżebbuġa

# Xogħol fil-Lokalitajiet mit-Tim tal-Manutenzjoni






Ħal Qormi

# Xogħol fil-lokalitajiet mit-tim tal-manutenzjoni










Is-Siġġiewi

# Xogħol fil-Lokalitajiet mit-Tim tal-Manutenzjoni







Iż-Żurrieq

# Għajnuna Finanzjarja fi Żmien il-Milied






Il-Kunsill Reġjonali ta għajnuna finanzjarja sabiex jiġu mżejna t-toroq fil-lokalitajiet u jitwettqu inizjattivi oħra mill-Kunsilli Lokali fi żmien il-Milied. Kull Kunsill Lokali seta' jibbenefika sa 1,500 ewro.

# Għajnuna Finanzjarja fi Żmien il-Milied



Is-Siġġiewi




Birżebbuġa



Santa Luċija

# Proġetti u Attivitajiet

# Restawr tal-Faċċata tal-Bini Amministrattiv

Il-Kunsill Reġjonali imbarka fuq proġett imfassal fuq numru fażijiet biex jikkonverti l-bini amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali f'ċentru innovattiv li jipprovdi assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali u l-komunitajiet fi ħdan ir-reġjun.

L-ewwel fażi kienet tinkludi r-restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv.





# Restawr tal-Faċċata tal-Bini Amministrattiv









# Restawr tal-Faċċata tal-Bini Amministrattiv

Ix-xogħol fuq dan il-proġett kien jinkludi t-tneħħija ta' wajers u oġġetti mwaħħla mal-faċċata bla bżonn, ir-restawr tal-ġebla tal-faċċata, restawr fuq l-aperturi, u l-installazzjoni ta' sistema tad-dwal.





# Xogħol fil-Bini Amministrattiv mit-Tim tal-Manutenzjoni

Matul is-sena sar xogħol ta' manutenzjon fil-bini amministrattiv mit-tim tal-manutenzjoni, kif ukoll xogħol ta' rinovar sabiex jiġu akkomodati l-maniġers tal-Kunsill Reġjonali.










# Xogħol fil-Bini Amministrattiv mit-Tim tal-Manutenzjoni







# Xogħol fil-Bini Amministrattiv mit-Tim tal-Manutenzjoni









# Art for All

Art for All kien proġett li kien jinkludi sessjonijiet ta' taħriġ fl-arti u l-iżvilupp personali għal studenti ta’ bejn 11 u 15-il sena mir-reġjun. Il-proġett kien kollu kemm hu finanzjat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofshinar u ġie organizzat bil-kollaborazzjoni ta' Wot Art Lessons, il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali u l-Kulleġġ San Benedittu.







# Kwarta Tajba

Kwarta Tajba kien festival mużikali kompetittiv mifrux fuq jumejn organizzat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar u sar f'Ħaż-Żebbuġ bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill lokali ta' Ħaż-Żebbuġ.

Dan il-festival ta opportunità lill-mużiċisti u artisti sabiex jesponu proġetti esklussivi, interattivi u innovattivi permezz ta' mużika oriġinali u ideat kreattivi.

Ingħataw trofej f'erba' kategoriji:
1. L-aħjar proġett artistiku
2. L-aħjar kompożizzjoni mużikali
3. L-aħjar teknikalità u prattiċi tal-grupp
4. L-aktar artist eċċellenti



# Kwarta Tajba

Ir-ritratti juru xeni minn dan il-festival.







# Kwarta Tajba

Aktar xeni minn dan il-festival.







# Festa Nar






Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, organizza s-sitt edizzjoni ta' Festa Nar fit-18 u d-19 ta' Settembru fl-Imqabba. F'din l-edizzjoni speċjali rajna numru rekord ta' parteċipanti li ħadu sehem, fejn kien hemm madwar 23 għaqda piroteknika differenti mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

# Festa Nar

Ir-ritratti juru xeni waqt il-preparamenti ta’ din l-attività.







# Festa Nar

Ir-ritratti juru xeni mill-ispettakli piroteknići.










# Kunċert tal-Milied







Fi żmien il-Milied, il-Kunsill Reġjonali organizza kunċert bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u l-parteċipazzjoni taż-żewġ soċjetajiet mużikali fil-lokalità, is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni u l-Għaqda Mużikali Sant Andrija.

# Ħarġa Kulturali f'Ħaż-Żebbuġ







Il-Kunsill Reġjonali organizza ħarġa kulturali madwar bosta kappelli f'Ħaż-Żebbuġ bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ. Dawk li attendew ġew mogħtija kopja tal-ktieb 'Id-Devozzjoni u l-Kult Marjan fir-Reġjun tan-Nofsinhar' miktub minn Max Farruġia li kien ukoll preżenti bħala gwida.

# Attivitajiet ta' Team Building

Matul is-sena, il-Kunsill Reġjonali organizza attivitajiet ta' team building għall-membri tal-istaff. L-istaff ħa sehem f'attivitajiet oħra organizzati mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.









# Attivitajiet ta' Team Building









“

# Pjan ta’ Ħidma għaż-Żmien li Ġej

# Estensjoni tal-Bini Amministrattiv

Fix-xhur li ġejjin se jkun qed jibda t-tieni fażi tal-proġett ambizzjuż li se jkun qed jara l-bini amministrattiv jiġi trasformat f'ċentru ta' livell li jixraq lir-reġjun minn fejn il-Kunsill Reġjonali jkun jista' joffri assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali.

Il-bini amministrattiv il-ġdid se jkun jinkludi uffiċini amministrattivi mgħammra bl-aqwa faċilitajiet, sala għall-konferenzi, kmamar għal-laqgħat, spazji għal attivitajiet fuq skala żgħira, u roof garden li se jkun miftuħ għall-komunità matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.



# Estensjoni tal-Bini Amministrattiv






# Estensjoni tal-Bini Amministrattiv

Wara li jintemm il-process tad-devoluzzjoni ta' sit fi Triq San Rafel li jiġi fuq wara tal-bini amministrattiv eżistenti, jibda proġett ieħor fuq din il-parti biex iż-żewġ partijiet jingħaqdu flimkien.



# Xogħol Preliminarju mit-Tim tal-Manutenzjoni

It-tim tal-manutenzjoni jinsab għaddej b'xogħol preliminarju fuq il-proġett tal-estensjoni tal-bini amministrattiv qabel jibdew ix-xogħlijiet mill-kuntratturi.







# Xogħol Preliminarju mit-Tim tal-Manutenzjoni



Tindif tar-remissa fi Triq San Rafel



# Roof Garden




AMBJENTMALTA

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofshinar se jkun qed jibbenefika minn fondi mogħtija minn Ambjent Malta permezz tal-iskema Urban Greening sabiex iwettaq proġett ta’ roof garden fuq il-bini amministrattiv li se jagħti aktar arja nadifa liċ-ċentru tal-lokalità ta' Ħal Qormi. Il-ġnien se jkun aċċessibbli u miftuħ għall-komunità matul il-ħinijiet tal-ġurnata.

# Rilokazzjoni Temporanja tal-Uffiċċju Amministrattiv

Sabiex ikunu jistgħu jibda l-proġett tal-estensjoni tal-bini amministrattiv, it-tim tal-manutenzjoni, flimkien mal-maniġer tat-teknoloġija tal-informatika u l-maniġer tal-proġetti, se jkunu qed jieħdu ħsieb jikkoordinaw ir-rilokazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv b'mod temporanju fl-Uffiċċju Parrokkjali fi Triq San Edwardu Ħal Qormi.








# Rilokazzjoni Temporanja tal-Uffiċċju Amministrattiv







# Websajt aktar informattiva

Il-Kunsill Reġjonali se jwettaq rinovar sostanzjali fuq il-website uffiċjali tiegħu li minbarra dehra ġdida u aktar informazzjoni fuq il-lokalitajiet tar-reġjun, se tkun tinkludi wkoll direttorju artistiku u kalendarju kulturali għar-Reġjun tan-Nofsinhar.



# Direttorju Artistiku

Se jkun qed jiġi żviluppat direttorju artistiku reġjonali sabiex jesponi u jippromwovi lill-artisti u lil dawk il-persuni li huma involuti fix-xena tal-arti u l-kultura. Id-direttorju se jiġi inkorporat fil-websajt.



# Aktar Assistenza Professjonali lill-Kunsilli Lokali

Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jaħdem mill-qrib mal-Kunsilli Lokali tiegħu u joffri kull assistenza professjonali possibbli u niżguraw li kull Kunsill Lokali jkun qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'eċċellenza, jegħleb l-isfidi u jisfrutta l-opportunitajiet li jkollu quddiemu.

Permezz tal-maniġers reġjonali, se nżidu l-isforzi tagħna biex intejbu s-sistemi tal-IT fil-Kunsilli Lokali; ngħinu lill-Kunsilli Lokali sabiex jisfruttaw opportunitajiet ġodda; se naħdmu biex nimplimentaw proġetti finanzjati mill-UE u sorsi ta' fondi oħra; se naħdmu fuq l-aspett kulturali; se naħdmu fuq sfidi ambjentali; ġbir tal-iskart domestiku u ż-żamma tal-indafa.



“

# Inħarsu ‘l Quddiem b’Ottimiżmu



Matul is-snin li għaddew żrajna żerriegħa li nibtet f'siġra.
Issa qed nindukrawha biex fiż-żmien li ġej nibdew naqtgħu l-frott.

REĠJUN
NOFSINHAR

“

Issa lħaqna l-kompetenza neċessarja u ninsabu lesti biex nilqgħu l-isfidi li għandna quddiemna b’ottimiżmu u ninsabu fiduċjużi li kapaċi ndawruhom f’opportunitajiet għall-ġid tal-Kunsilli Lokali u l-komunitajiet fir-reġjun.

# Ilħaqna l-Miri

Irnexxielna nilħqu l-miri tagħna għax:

- Fassalna pjan fit-tul u żammejna miegħu
- Investejna fir-riżorsi umani tagħna
- Investejna fit-taħriġ u pprovdejna r-riżorsi neċessarji lill-membri tal-istaff
- Qed ninvestu fil-Kunsilli Lokali tar-reġjun
- Qed ninvestu fil-bini amministrattiv



# Reġjun Kulturali 2023

Ir-Reġjun tan-Nofsinhar se jkun ir-Reġjun Kulturali 2023 u jinsab għaddej ġmielu x-xogħol sabiex matul is-sena li jmiss ikollna attivitajiet varji li jesponu l-arti u l-kultura fir-reġjun.

Qed naħdmu fuq program li permezz tiegħu se nkunu qed inżidu l-apprezzament tal-arti u l-kultura li għandna madwarna, insaħħu d-diversità u l-inklużjoni soċjali, insaħħu l-kreattività u l-parteċipazzjoni komunitarja.

REĠJUN
NOFSINHAR



# Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku fuq Bażi reġjonali



L-akbar sfida li se jkollu l-Kunsill Reġjonali fi ftit ġimgħat oħra se tkun ir-responsabbilità tal-amministrazzjoni tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku fuq bażi reġjonali.

Matul ix-xhur li għaddew ħdimna qatigħ fuq il-ħruġ tas-sejħa pubblika għal dan il-kuntratt u għandna membri tal-istaff imħarrġa u jinsabu ppreparati biex jaħdmu proprju fuq l-effettività ta’ dan is-servizz.



# Strateġija tal-Gvern Lokali

Ġie mniedi proċess ta’ konsultazzjoni għall-istrateġija tal-Gvern Lokali. L-istrateġija tal-Gvern Lokali tinvolvi sfidi ġodda għall-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

Il-konsultazzjoni hi maqsuma fuq erba' temi:

1 - Governanza tajba u effettiva

2 - Insaħħu r-reġjuni

3 - Lokalitajiet b'ambjent aktar nadif

4 - Kunsilli Lokali viċin in-nies









# Grazzi tal-Attenzjoni

Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

regjunnofsinhar.org